MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 392/2001/1

**Anna Cassar u b'digriet tat-12 ta' Jannar 1996, l-atti gew trasfuzi f'isem Ivan Bartolo stante l-mewt ta' l-istess Anna Cassar li mietet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Lawrence Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` L&D Attard Company Limited u l-Baruni Igino Trapani Galea Feriol ghall-interess li jista' jkollu u b'digriet tat-3 ta' Lulju 1995, Joseph u Josephine konjugi Abela gew kjamati in kawza**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell dwar kawza ghal ritrattazzjoni maghmul ad istanza tar-ritrattandi, jigifieri Lawrence Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` L&D Attard Company Limited u l-Baruni Igino Trapani Galea Feriol u Joseph u Josephine konjugi Abela, bhala kjamati fil-kawza, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2006, li ddecidiet hekk
"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:

"Tichad it-tieni eccezzjoni ta' l-imharrek ritrattat Ivan Bartolo, billi mhux misthoqqa fid-dritt;

"Tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess ritrattat, u tiddikjara li l-Att tac-Citazzjoni ma jiswiex ghaliex huwa nieqes minn talba mehtiega skond l-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12; u

"Tehles lill-imharrek ritrattat Ivan Bartolo milli jibqa' izjed fil-kawza, bl-ispejjez kontra l-atturi ritrattandi."

Kopja tas-sentenza appellata qed tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**<u>L-APPELL TAR-RITRATTANDI KONVENUTI</u>**

2. Ir-ritrattandi fuq imsemmija hassewhom aggravati b'din is-sentenza u minnha interponew appell fejn talbu riforma tas-sentenza
"billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha hija cahdet it-tieni eccezzjoni ta' l-appellat, din l-Onorabbli Qorti tichad ukoll l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-appellat u tilqa' t-talbiet ta' l-appellanti kif maghmulha fic-citazzjoni taghhom ta' ritrattazzjoni bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati."

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT IVAN BARTOLO</u>**

3. L-attur appellat wiegeb li s-sentenza moghtija hija gusta u timmerita konferma <u>in toto</u> u dan bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJET TA' DIN IL-QORTI**

4. Din il-Qorti ezaminat l-aggravji ta' l-appellanti kif esposti fir-rikors ta' appell u, frankament, hija tal-fehma li aktar minn vera u proprja lanjanzi, hawn si tratta ta' sensiela ta' sottomissjonijiet, ripetittivi ghall-ahhar, li fihom l-appellanti juru d-dizappunt taghhom ghall-fatt li skond huma l-ewwel Qorti skartat dak kollu kontenut fin-nota ta' osservazzjonijiet li pprezentaw quddiemha u ghall-fatt li, finalment, dik il-Qorti rrigettat – skond huma, ingustament – l-azzjoni intentata minnhom ghall-fini ta' ritrattazzjoni u dan minhabba difett procedurali.

5. Maghdud is-suespost, xorta wahda jidher li l-appellanti ritrattandi fehmu sew x'wassal lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi bil-mod kif iddecidiet. Infatti huma (ara l-paragrafu 6C) fir-rikors ta' appell jghidu li gej (dan apparti l-ghexieren ta' zbalji dattilografici li din il-Qorti sewwiet)
"Illi fis-sentenza taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili qisha tikkonkludi li l-ewwel talba ta' l-appellanti odjerni ma tirrispekkjax it-tfassila ta' kif ghandha tkun talba sabiex ikun hemm is-smigh mill-gdid ta' kawza. Izda bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti meta t-talba qeghda ssir sabiex ikun hemm dikjarazzjoni li hemm bazi ta' ritrattazzjoni, hija haga li ssegwi li dik il-Qorti tezamina l-fatti kollha tal-kaz u taghti decizjoni taghha."

Di fatti l-appellanti jistaqsu hekk,
"X'siewi jkun hemm li Qorti tiddikjara li hemm bazi ta' ritrattazzjoni u tieqaf hemm?"

6. Apparti kollox pero` donnu li l-appellanti ghadhom m'humiex jaccettaw li, kif gustament wiegbet il-parti appellata, il-qofol ta' dik il-parti tas-sentenza li waslet ghal decizjoni kontra l-appellanti kien gej mill-fatt li <u>r-ritrattandi naqsu milli jitolbu mhux biss li l-kawza tigi mismughha mill-gdid imma li fl-ewwel lok tigi mhassra dik is-sentenza</u>.

Minn ezami ta' l-att promotorju jirrizulta kjarament li dan ma jikkontjeni l-<u>ebda talba</u> ghall-fini tat-thassir tas-

sentenza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni. Dak li ntalab semplicement ma jaghmilx sens f'kawza ta' ritrattazzjoni: "Jghid l-attur ritrattat ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex 1. tiddikjara ai termini ta' l-Artikolu 817 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-ligijiet ta' Malta li hemm lok ta' ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija fil-11 ta' Dicembru 2000, fl-ismijiet premessi u dan abbazi ta' l-Artikolu 811 sub-artikli (e) u (l) ta' l-istess kapitolu u <u>konsegwentement</u> li 2. tiddikjara nulla u minghajr effett dik l-istess sentenza" (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan il-punt gie deciz darba wara ohra izda, sfortunatament, diversi huma dawk li baqghu jippersistu u jaghzlu li jinjoraw dak li gie <u>ad nauseam</u> deciz minn dawn il-Qrati. Bizzejjed isir accenn ghad-decizjoni ricensjuri fil-kawza fl-ismijiet **Savio Spiteri v. Eucharist sive Chris Cassar** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, kif komposta, fit-28 ta' April 2006, li fiha *inter alia* ntqal hekk,

"Mis-suespost jirrizulta kjarament li ma saret ebda talba espressa ghall-fini tar-revoka tas-sentenza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni. Dan ifisser li l-appellant qieghed kwindi jippresupponi l-possibilita` li filwaqt li hemm kawza li ghaddiet in gudikat, huwa jista' jitlob li din tigi ritrattata filwaqt li tibqa' fis-sehh id-decizjoni moghtija. Haga bhal din kjarament tammonta ghal spropozitu legali. Huwa ghalhekk inutili ghall-appellant illi jipprova jikkolma, billi jissana, din il-mankanza grossolana tieghu b'lanjanzi fis-sens li l-ewwel Qorti "interpretat b'mod ristrett il-provvedimenti ta' l-Artikolu 811 et seq. tal-Kap. 12"; jew li "mhux minnu illi qabel xejn skond l-eccezzjoni preliminari, l-ewwel trid tithassar is-sentenza moghtija" peress li r-ritrattazzjoni tinkorpora fiha stadji differenti; jew li "fi kwalunkwe kaz it-talba …. tinkorpora fiha nfisha t-talba biex tithassar is-sentenza moghtija skond il-kaz". L-appellant ghandu dritt li jabbraccja fehmiet bhal dawn imma b'daqstant ma jfissirx li ghandu wkoll ragun, u li kieku ha l-briga li jezamina l-ghexieren ta' sentenzi li nghataw minn dawn il-Qrati fuq dan il-punt kien facilment jinduna kemm huwa zbaljat.

"Hekk, fost hafna sentenzi ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Gaetano Fenech v. Maria Pisani** moghtija fil-11 ta'

Dicembru 2002, minn din il-Qorti, kif komposta, gie ritenut hekk,

“(Issa) l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 jistipula kjarament li kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell tista’ fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza. Una volta ghalhekk li din it-talba ghal fini tar-revoka tas-sentenza surreferita baqghet ma ntalbitx, it-talba ghal fini ta’ ritrattazzjoni maghmula mill-konvenuta ma tistax tigi akkolta, imqar jekk xi wahda mir-ragunijiet li jinsabu elenkati fl-istess Artikolu 811 ghal fini ta’ ritrattazzjoni tkun tissussisti.

“Jidher car mill-kliem ta’ l-Artikolu 811 fuq citat li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet, jigifieri dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dak li terga’ tinfetah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza. Isegwi ghalhekk li l-gudizzju ta’ ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor, maghrufin fid-dottrina legali bhala “in rescindente” u “in rescissorio” (ara wkoll Koll. Vol. LXIX-II-pp219). Il-ligi taghna tal-procedura ghalhekk trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibbli li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista’ ssir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sakemm dak it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun u tibqa’ ta’ ostakolu ghar-ri-ezami tal-kawza (ara wkoll sentenza fl-ismijiet “Neg. Paolo Borg v. Neg. Francis Grech et” tas-27 ta’ Gunju 1949, Qorti ta’ l-Appell, Koll. Vol. XXXIII-I-754).

L-istess, s’intendi, japplika meta tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni ta’ sentenza moghtija minn qorti ta’ l-ewwel grad, kif jidher ampjament anke mill-Artikolu 820 tal-Kap. 12. Billi din il-Qorti ghadha ta’ l-istess fehma, hija ghalhekk tichad l-appell interpost, b’dan li in vista wkoll tal-fatt li l-istess appell huwa wiehed fieragh u vessatorju, u wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-

appellanti jhallsu lill-appellat Ivan Bartolo l-ispejjez ghal darbtejn.

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza appellata qed tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------